**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 ta' Ottubru, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-vs-**

**Justin James Grima detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 124295M**

***Kumpilazzjoni Nru. 449/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Justin James Grima u ċioè talli:

Fit-22 t' Ottubru, 2019, u/jew fil-granet ta' qabel, gewwa 9, Misrah ir-Repubblika, Tarxien:-

1. Gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artkolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligiliet ta' Malta, meta hu gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz hu msejjes fuq testimonjanza ta' xhud unika, u cioe` is-sid tal-kelba, tenut kont li x-xhieda l-ohra mismugha fosthom PS1257 u Dr. Catherine Portelli, tammonta biss ghal *hearsay* u ghalhekk hi wahda inammissibbli.

Ashley Maria Grima, oht l-imputat, spjegat bil-gurament taghha kif l-imputat hallas ghall-ispejjez kollha relatati mat-trattament u kura tal-kelba u ghalhekk ma kienx ghad baqalha aktar interess fil-prosegwiment ta' din il-kawza. Inoltre` talbet sabiex tigi ezentata milli tixhed fil-konfront ta' huha.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ai termini tal-artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali, laqghet it-talba tas-Sinjorina Grima li konsegwentement giet ezentata milli tixhed kontra huha.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**